**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 17 – IT-TNEJN, 9 TA' NOVEMBRU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa It-Tnejn 9 ta' Novembru 2020 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsilliera |
| | Maria Magri | Kunsilliera |

| | | |
|---|---|---|
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġiji.

## 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana semma li punt 4.7 tal-minuti preċedenti irid ikun traffic management u mhux sinjali.

2.2 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsillier Camilleri u ssekondati mill-Kunsilliera Massa.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku semma li fuq it-traffic management ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra kien reġa tkellem mal-Perita Dimech fejn qaltlu li kien se jinbeda x-xogħol fuq il-platforms tal-bus shelters u semma li n-naħa ta' fejn hemm il-Covenience se jkun hemm skema ta 15 mins parking filwaqt li n-naħa l-oħra se jkun hemm skema differenti.

**Il-Viċi Sindku daħal għall laqgħa fil-17.35 pm**

3.2 Is-Sindku qal li huwa kien kellem lil Kunsillier Camilleri u l-Kunsillier Caruana fejn dawn raw il-pjanti kif ġej ix-xogħal tat-traffic management u qablu magħhom.

3.3 Is-Sindku ressaq email fuq il-programm Youth next generation leaders li bih seta jingħata training biex ikun hawn leaders ġodda.

3.4 Is-Sindku ressaq email fuq inizjattiva biex jiġu imħawwla siġar ġodda. Huwa semma li nistgħu nipproponu li jitħawwlu siġar fil-Family Park u bnadi oħra f' Ħal Farruġ.

3.5 Is-Sindku irrefera għall stedina li kienet waslet mir-Reġjun Nofsinhar fir-rigward tal-okkażżjoni tal-Pink October biex dawk il-Kunsilli li ħadu inizjattiva u xegħelu l-faċċati jibgħatu ritratti jkunu jistgħu jattendu għall attività li ser issir mill-Marigold Foundation. Il-Kunsilliera Magri semmiet li minn naħa tagħna nistgħu nixgħelu l-faċċata tal-Kunsill jew xi bini ieħor prominenti. Il-Kunsillier Camilleri qal li hemm persuna li jista jkellmu biex isiru l-arranġamenti. Huwa qal li se jikkordina biex isir kollox sal-weekend.

3.6 Is-Sindku semma li konna applikajna għall iskema tal-aċċessibilta biex biha jkun jista jsir proġett ta' rampa u aktar faċilitajiet t' aċċessibilta fejn hemm il-village core ta' Ħal Luqa.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana reġa saqsa fuq il-bollards li kellhom isiru fejn tal-Beko. Is-Sindku qal li huwa kien ser imur jara kif inhi s-sitwazzjoni hawnhekk.

4.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kienx hemm risposta fuq in-notifika tal-Bank meta jsir pagament mill-Kunsill Lokali. Is-Segretarju qal li huwa kien iċċekkja u peress li dawn huma batch payments ma jkunx hemm ċerta dettalji. Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk jistax jiċċekkja mal-Bank direttament. Is-Sindku qallu biex ikellem il-Bank.

4.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-tabelli li kellhom isiru fi Triq San Tumas biex ikun hemm skema ta' parkeġġ. Is-Sindku semma li huwa kien se japplika ma Transport Malta fuq din l-iskema imma dawn issuġġerew biex bħala skemi ma jsirux kollha f' daqqa.

4.4 Il-Kunsillier Caruana semma li kien sar xogħol tajjeb fejn hemm il-Monument tal-Gwerra u għandu jintwera apprezzament lil min għamel dan ix-xogħol.

4.5 Il-Kunsillier Caruana semma li rridu nagħmlu tindif fiċ-Ċimiterju ta' Valletta Road u dak ta' San Tumas. Huwa semma wkoll li jrid ikun hemm żbarazzar tal-garaxx li qed jikri bħalissa l-Kunsill Lokali. Huwa qal li se jkun qed joqgħod mal-ħaddiema biex dan inaddfuh.

4.6 Il-Kunsilliera Caruana semma li hemm is-siġar fi Triq il-Qasam Sperimentali li jinsabu maġenb il-bankina biex dawn jinżabru.

4.7 Il-Kunsillier Caruana semma li bħala inizjattiva tal-Milied hemm persuna li huwa jaf li lesta tilbes ta' Christmas u toħroġ fit-toroq waqt dawn iż-żminijiet. Is-Sindku qallu biex filkaż jagħtina aktar dettalji.

4.8 Il-Kunsillier Aquilina semma li kien hemm tabella fi Triq id-9 t' April li kellna naraw jekk din għadx għandha użu hawnhekk. Is-Sindku semma li huwa se jara liem kienet din it-tabella.

4.9 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm xi pjanti fi Triq id-9 t' April li kienu mietu u li għalhekk kien hemm bżonn jinbidlu.

4.10 Il-Kunsillier Aquilina semma li kien hemm ħajt fi Vjal l-Avjazzjoni li meta saret it-Triq dan kien intlaqat u sar perikoluż u kellu bżonn jitranġa. Is-Sindku semma li kien kellimhom u għalhekk ser nerġgħu infakkruhom fuq dan il-każ.

4.11 Il-Viċi Sindku saqsa fuq l-ispazju li hemm quddiem Cape Residences jekk dan kienx privat. Is-Sindku semma li dan kien privat u s-sid kien għalqu bil-mod kif jinsab illum peress li kien hemm minn kien qed jabbuża mill-art privata tiegħu.

4.12 Il-Kunsillier Camilleri semma li kienet saret laqgħa mal-Ministeru tal-Ambjent biex fil-Pjazza fejn hemm il-Housing Estate ta' Ħal Farruġ isir redesign mill-ġdid. Huwa qal li dan se jkun proġett mill-isbaħ u bħalissa qed isir koordinament fuqu.

4.13 Il-Kunsillier Camilleri saqsa kemm ikun involut il-Kunsill Lokali meta jsiru proġetti fuq barra. Is-Sindku qal li f' dawn it-tip ta' proġetti jkun hemm diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Camilleri semma jistgħux jsiru sound barriers fejn hemm Vjal l-Avjazzjoni u s-Sindku semma Triq Ġanni Vassallo. Il-Kunsillier Caruana semma li rridu noqgħodu attenti għax jekk nipproponu xi ħaġa bħall din, in-nies tista ddejjaqhom. Is-Sindku semma li idealment l-ewwel nagħmlu t-talba u jekk ir-residenti imbagħad jaċċettaw inkunu nistgħu nimplimentawhom.

4.14 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jkun hemm CCTV camera fi Triq il-Ġdida. Is-Sindku semma li l-ewwel trid issir it-Triq, imbagħad nappellaw biex isiru l-cameras.

4.15 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk nistgħux nagħmlu kors online fuq kif tagħmel il-presepji fl-okkażżjoni tal-Milied. Huwa saqsa jekk jistax ifittex fuq xi kwotazzjonijiet. Is-Sindku qallu biex jikkordina din l-inizjattiva flimkien mal-Kunsillier Camilleri.

## 5. PUBBLIKAZZJONI TAL-MAGAZINE

5.1 Is-Sindku semma li kien wasal iż-żmien li nippubblikaw il-magazine tal-Kunsill Lokali, huwa appella lil kull Kunsillier biex ilesti artiklu li jittratta fuq il-ħidma tad-dekasteru tiegħu.

5.2 Is-Segretarju appella biex sal-Erbgħa tal-ġimgħa d-dieħla, kulħadd ikun bagħat l-artiklu lilu għar reviewing.

5.3 Il-Viċi Sindku semma li fin-nofs nistgħu nagħmlu fold out ta' kalendarju li jkun jista' jintuża mir-residenti.

## 6. PROĠETT ĠEWWA ĦAL LUQA TAĦT IL-MINISTERU TAL-ONOR. SILVIO SCHEMBRI

6.1 Is-Sindku semma li kien avviċinana l-Onor. Silvio Schembri sabiex jkun jista jiffinanzja proġett ġewwa Ħal Luqa għall benefiċċju tar-residenti. Is-Sindku semma li huwa kien ipproponielu li jsir proġett fi Triq Sebastiano Saliba fejn jkun hemm arranġament tal-parkeġġ biex jiddaħħlu aktar karozzi kif ukoll jsir Monument lil Sant' Andrija kif kien il-Pjan.

6.2 Il-Viċi Sindku faħħar l-inizjattiva tal-Onor. Schembri biex tkun riġenerata l-ex miżbla f' Ħal Luqa biex anki sservi fl-istess ħin lill-Ħalluqin. Huwa semma li fir-rigward tal-Monument nistgħu nikkonsidraw biex forsi ssir xi ħaġa bħal m' hemm il-Monument tal-Love fis-Sliema.

6.3 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn hemm ir-roundabout quddiem id-Dinitrol nistgħu nipproponu wkoll dan il-lok għall-Monument.

## 7. KAWŻA, DONALD CASSAR

7.1 Is-Sindku semma li l-ex-Kunsillier Donald Cassar kien imtellgħa l-Qorti fuq il-malafama li kien għamel u d-diskors dispreġjattiv li qal fil-konfront tas-Sindku u l-Kunsill. Is-Sindku qal li quddiem il-Qorti huwa ammetta kollox u tilef. Huwa qal li l-avukat qallu biex jagħmel dikjarazzjoni. Is-Sindku semma li fl-10 ta' Diċembru dan se jingħata s-sentenza.

## 8. MIXGĦELA TAL-MILIED

8.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li kienet saret laqgħa mal-Każini fuq is-suġġett tal-mixgħela tal-Milied. Huwa qal li sal-lum kienu bagħatu xi affarijiet però ż-żmien kien daħal sewwa.

8.2 Il-Kunsillier Caruana semma li m' għandniex naċċettaw li jsir kif kien sar qabel.

8.3 Is-Sindku appella lill-Kunsillier Camilleri biex jkellem kuntrattur tad-dawl u jara xi proposti hemm lesti biex issir xi ħaġa differenti mis-soltu.

8.4 Is-Sindku semma li idealment l-Każini din is-sena jaħdmu kif ġara qabel u bħala Kunsill nagħmlu xi ħaġa aħna wkoll biex jkun hemm differenza mis-snin ta' qabel. Huwa qal li b' dan il-mod jinħarġu l-istess ammont ta' fondi u b' xi ħaġa żejda issir xi ħaġa minn naħa tal-Kunsill.

8.5 Is-Sindku qal li jkun tajjeb jekk dawn jinkrew biex il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż addizzjonali.

## 9. INAWGURAZZJONI TAR-RESTAWR TAN-NIĊEĊ

9.1 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Camilleri li rridu nikkordinaw biex issir ċerimonja li fiha ninawguraw il-proġett tar-restawr li sar fuq in-niċeċ.

9.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li rridu ninkluldu lill-Onor. Dr. Byron Camilleri peress li dan il-Proġett kien sar b' fondi minn naħa tal-LESA.

9.3 Il-Kunsillier Caruana qal jekk nistgħux ninkludu fl-istess inawgurazzjoni l-proġett tal-aċċessibilta. Is-Sindku qal li dan mhux possibbli peress li s' issa għad lanqas hemm risposta fuq l-applikazzjoni tagħna.

## 10. TENDERS

10.1 Is-Sindku semma li kien hemm diversi tenders li jeħtieġ jinħarġu, fosthom dak tal-knies u tal-ġbir tal-iskart li kienu skadew. Huwa semma wkoll li jrid jinħareġ tender fuq sistema tal-irrigazzjoni għall Family Park u wieħed għall bini tal-ħitan tas-sejjiegħ taħt Miżuri 4.4 (Second Call) tal-Fondi tal-EU.

## 11. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

11.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq dan is-suġġett.

## 12. TMIEM TAL-LAQGĦA

12.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tnejn 9 ta' Novembru 2020 fis-7.00 pm. Kien hemm proposta d-data tal-4 ta' Diċembru 2020 għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |